HAL BALZAN

IT-TMIIEN SENA Nru. 48 | LULJU/AWWISSU 1979

EDITORJAL

HIDMA VOLONTARJA

Bosta huma n-nies li jieħdu sehem fl-organizazzjoni tal-festi titulari, kif ukoll f'attivitajiet oħra li jiġu organizzati fl-irħula Maltin. Dawn id-dilettanti, biex insejħulhom hekk, huma ta' diversi klassijiet soċjali kif ukoll iħaddnu twemmin politiku differenti. Ħafna oħrajn ma jinteressahom xejn minn dan, iżda jaħdmu biss filqasam reliġjuż fejn jagħmlu ġid kbir spiritwali lil ta' madwarhom. Kollox ma' kollox, kull tip ta' attività hija sinsla importanti fil-ħajja ta' nazzjon, li żżommu ħaj, attiv u wkoll forsi tagħti sehemha biex tkabbar iċ-ċiviltà tiegħu.

Jiddispjaċina, però, ninnutaw li ħafna nies, fi żminijiet hekk imsejħa moderni, mhux biss joqogħdu gallarija u jfittxu biss l-interessi personali tagħhom, iżda saħansitra jaslu wkoll biex jittimbraw lil dawn in-nies ħabrieka bħala fanatiċi, mingħajr forsi huma stess ma jafu xi tfisser il-kelma. Qatt forsi dawn in-nies staqsew lilhom infushom x'hemm ħażin li toqgħod tissagrifika ruħek biex torganizza attività, li mhux biss tkun qed tiswielek il-ħin prezzjuż iżda wkoll il-flus mill-but? Jerġa', hija ħaġa rari li kull attività timxi kif ġiet ippjanata mingħajr ebda problemi li kollha jkunu jridu jiġu solvuti mill-organizzaturi. Lill-bniedem li jaħdem volontarjament, l-attivitajiet ma jiswewlu xejn għajr inkwiet però jagħtuh l-ogħla u l-aqwa sodisfazzjon li jista' jkollu l-bniedem — jiġifieri dak li jara lil ħaddieħor jiddeverti u jieħu gost, kif ukoll forsi jtejjeb il-qagħda soċjali tiegħu. Hadd minn dawk in-nies li qatt ma interessahom jorganizzaw xejn għal ħaddieħor jew li qatt ma ppruvaw jagħtu sehemhom għal xi attività ma jistgħu jifhmu xi tfisser li tara lil ħaddieħor hieni u kuntent.

Għalkemm qegħdin ngħixu fis-seklu għoxrin, għad hawn l-idea qarrieqa fost xi wħud li għax jafu xi ftit skola m'għandhomx jitħalltu ma' dawk li ma jafux, jew inkella jidhrilhom li mhux unur tagħhom li jieħdu sehem f'ċerti attivitajiet bħal ma huma l-festi titulari għax kif igħidu huma, dawn huma ħwejjeġ tas-seklu l-ieħor, jew affarijiet li għandu jieħu sehem fihom il-popolin. Dawn huma ideat foloz jew skużi banali li jużawhom dawk biss li ma jridu jagħmlu xejn biex iżommu t-tradizzjonijiet ta' pajjiżhom ħajjin.

Kull attività li tiġi organizzata jkollha bżonn ta' mħuħ li kapaċi jippjanaw kif ukoll oħrajn li jmiddu għonqhom għax-xogħol. B'hekk biss ħaġa tista' tagħtina u tagħti sodisfazzjoni għax dawn huma fatturi meħtieġa biex tiġi ppjanata u organizzata tajjeb. Li qiegħed jiġri f'pajjiżna huwa li għal ċerti attivitajiet bħal ma huma l-festi hemm ħafna jdejn li lesti biex jaħdmu iżda mħuħ insibu ftit wisq — mħuħ li kapaċi jfiehmu u jikkonvinċu lil ta' madwarhom kif wieħed jista' jorganizza sewwa bi ftehim sinċier ma' ħaddieħor għall-pjaċir ta' ħaddieħor.

STARLETS

284, HIGH STREET, BALZAN

STATIONERY, TOYS, PAPER BACKS, NEWSPAPERS AND CIGARETTES

TELEPHONE: 41644

ZJARA QASIRA TA' KARDINAL F'HAL BALZAN

Nhar is-Sibt, 28 ta' Lulju, kellna fostna għal waqfa qasira f'Ħal Balzan l-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Sergio Pignedoli, President tas-Segretarjat tal-Vatikan għal dawk li m'humiex Insara. Il-Kardinal Pignedoli kien fi triqtu lejn Għawdex sabiex jieħu sehem fil-festi solenni tal-Viżitazzjoni tal-Verġni Marija fl-Għarb.

Il-Kardinal Pignedoli twieled fl-4 ta' Ġunju 1910 ġewwa Felina, fid-djoċesi ta' Reggio Emilia. Ordna saċerdot fl-1 ta' April 1933, u sar viċi-rettur tas-Seminarju. Kien Nunzju Apostoliku fil-Bolivja u sar Awżiljarju ta' l-Arċisqof Montini ta' Milan mill-1956 sal-1960. Bejn l-1960 u l-1964, kien Delegat Apostoliku fis-Central West Africa (Niġerja, Cameroon, Chad, Congo Brazzaville, Gabon). Fl-1964 inħatar Delegat Apostoliku għall-Kanada, kariga li żamm sal-1967 meta nħatar Segretarju tas-Sagra Kongregazzjoni għall-Evanġelizzazzjoni tal-Popli. Fil-5 ta' Marzu 1973 sar Kardinal, u jumejn wara ġie nominat President tas-Segretarjat għal dawk li m'humiex Insara, kariga li għadu jżomm sal-lum.

Fil-Festi tal-Għarb, li fihom ġiet inkurunata sollennement ix-xbiha tal-Madonna, il-Kardinal qaddes Pontifikal solenni nhar il-Ħadd 29 ta' Lulju, u fil-għaxija mexxa l-purċissjoni. Fil-ftit sigħat li dam Ħal Balzan, il-Kardinal Pignedoli kien il-mistieden ta' l-unur fi pranzu li għamlulu l-Kav. Oscar Calleja Urry u s-sinjura tiegħu fid-dar tagħhom fi Vjal Sir Michelangelo Refalo.



Il-Kardinal Sergio Pignedoli

APPELL LILL-GENITURI

Nagħmlu appell lill-ġenituri sabiex b'mod speċjali f'din is-sena, is-Sena Internazzjonali tat-Tfal, iħabirku jibagħtu 'l uliedhom għat-tagħlim tad-duttrina. It-tfal bniet ikollhom it-tagħlim tad-duttrina kuljum, minbarra nhar ta' Tlieta, fil-Museum tal-Bniet fil-5.30 p.m. It-tfal subien ikollhom id-duttrina kuljum mit-Tnejn sas-Sibt, minbarra l-Erbgħa, fis-7.00 p.m. It-tfal imfarfrin ikollhom ukoll nhar t'Erbgħa fis-6.15 p.m. It-tfal ikollhom ukoll il-quddiesa tagħhom kull nhar ta' Ħadd, fis-7.30 a.m. Barra dan, qed tiġi organizzata wkoll quddiesa speċjali għat-tfal kull nhar l-ewwel Ġimgħa tax-xahar fil-5.00 p.m. Nappellaw b'mod speċjali lill-ġenituri sabiex ma jittraskurawx dan id-dmir lejn uliedhom. F'każ ta' diffikultà wieħed jista' jkellem lill-Kappillan jew lis-superjuri rispettivi ta' l-oqsma tal-Museum.

NIRRINGRAZZJAW

Nirringrazzjaw lil dawn is-sinjuri għall-offerti tagħhom għall-gazzetta: Chev. Oscar Calleja Urry (£M2); Valentino Chetcuti (£M2); Camillo Tortell (£M2); Victor Delicata (£M1); Anthony Fenech (£M1); Dr. Renzo Porsella Flores (£M1); John Sammut (£M1); Vincenza Muscat (£M1); John Anastasi (50ċ); Winston Zammit (50ċ); Joseph Calleja (50ċ).

San Valentinu Martri



San Valentinu u Ħal Balzan huma marbutin flimkien b'rabta qadima. Bosta Balzanin, nisa u rġiel, iġibu isem dan il-qaddis; djar f'dan ir-raħal huma msemmija għalih; u saħansitra waħda mit-toroq tal-Parroċċa jisimha Triq San Valentinu. Dun Ġwann Dimech, fl-artiklu tiegħu f'din il-ħarġa, jistħarreġ il-qima lejn dan il-qaddis fil-Parroċċa, kif ukoll il-festa li ssir għall-unur tiegħu.

'HAL BALZAN'
Toħroġ kull xahrejn mill-
BORD EDITORJALI — 'HAL BALZAN'
c/o Każin tal-Banda
"San Gabriel"
Hal Balzan.
Stampat fil-
Lux Press
Hamrun.

X'GARA FOSTNA

APRIL 1979

Iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa din is-sena bdew nhar il-Ġimgħa, 6 t'April, festa tad-Duluri ta' Marija Verġni. Il-purċissjoni ħarġet fis-6.30 p.m., u fiha ħadu sehem, bħas-snin l-imgħoddija, bosta nies; wara kien hemm quddiesa kantata bil-priedka. Il-funzjoni tat-tberik taż-żebbuġ nhar Ħadd il-Palm saret fil-quddiesa tas-7.30 a.m. Tul il-bqija tal-ġimgħa, kien hemm il-Via Sagra fit-toroq tal-Parroċċa, il-Quddiesa Solenni Konċelebrata nhar Ħamis ix-Xirka, u l-funzjoni liturġika nhar il-Ġimgħa l-Kbira. Il-funzjoni ta' Sibt il-Għid u l-Quddiesa Kantata bdew fit-8.00 p.m. Programm dettaljat tal-funzjonijiet kollha, kif ukoll tat-tberik tad-djar, tqassam mill-Kappillan lill-familji kollha tal-Parroċċa.

Nhar il-Ħadd, 8 t'April, fis-Sala Parrokkjali, il-Balzan Stage Amateurs ippreżentaw dramm fuq il-libsa ta' Kristu, imsejjes fuq il-ktieb "The Robe". F'dan id-dramm, immexxi mill-'producer' Victor Bartolo, ħadu sehem bosta atturi Balzanin. Kienet verament produzzjoni tajba ta' dramm xieraq ferm għal dan iż-żmien tas-sena.

MEJJU 1979

Nhar l-Erbgħa, 16 ta' Mejju, il-Kappillan mexxa pellegrinaġġ mill-Parroċċa tagħna għall-Parroċċa ta' Ħal Tarxien, fl-okkażjoni tan-novena f'ġieh Marija Annunzjata, li l-festa tagħha kienet qed tiġi ċċelebrata f'Ħal Tarxien tul dik il-ġimgħa. Il-Kappillan qaddes il-quddiesa, li għaliha kien hemm preżenti għadd sabiħ ta' Balzanin li huma devoti ħafna tal-Madonna taħt dan it-titlu.

Il-festa ta' Santa Rita saret fil-Parroċċa nhar it-Tlieta, 22 mix-xahar. Fil-quddiesa ta' fil-għaxija, li kienet organizzata miċ-Ċirkolu tal-Azzjoni Kattolika "Sta. Rita", tan-nisa, saret omelija fuq il-qaddisa. Dak in-nhar stess, fis-Sala Parrokkjali, intwera film ta' tliet kwarti dwar l-esperjenzi li għadda minnhom qassis f'ħabsijiet komunisti. Dan il-film sar mid-Douglas Hyde Foundation.

F'din is-Sena Internazzjonali tat-Tfal, il-Parroċċa tagħna wkoll organizzat xi attivitajiet speċjali. Nhar l-Erbgħa, 23 ta' Mejju, is-Sur Victor Delicata, Superjur tal-Museum, kellem il-ġenituri tat-tfal tal-Parroċċa fis-Sala Parrokkjali; fil-waqt li Dun Ġwann Dimech kellem lit-tfal f'laqgħa bil-filmstrip fuq "Ġesù l-ħabib tat-tfal", il-Ġimgħa, 25 tax-xahar. L-għada, fil-5.00 p.m. saret quddiesa speċjali għat-tfal kollha; wara l-quddiesa, it-tfal kellhom party kbir u programm varjat fis-Sala.

ĠUNJU 1979

Il-festa tal-Madonna tad-Duttrina u l-Ewwel Tqarbina tat-Tfal ġew iċċelebrati nhar il-Ħadd, 10 ta' Ġunju. Fl-4.30 p.m. it-tfal inġabru fil-Museum tas-Subien, minn fejn imxew f'purċissjoni lejn il-Knisja fejn, fil-5.00 p.m., ħarġet il-quddiesa. Wara saret purċissjoni qasira bil-Madonna tad-Duttrina.

Nhar il-Ħadd, 17 ta' Ġunju, saret il-festa tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej b'purċissjoni Ewkaristika wara l-Quddiesa Kantata fil-għodu. Il-festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù saret il-Ħadd ta' wara, jiġifieri 24 ta' Ġunju. Fiż-żewġ purċissjonijiet ħadu sehem l-għaqdiet u l-każini, u t-tfal tal-preċett bil-libsa ta' l-Ewwel Tqarbina.

LULJU 1979

Tul l-ewwel ġimgħa ta' Lulju, iċċelebrajna l-festa titulari ta' Marija Annunzjata. Il-Ħadd, l-1 ta' Lulju, kienet il-festa ta' San Valentinu Martri, ko-protettur tal-Parroċċa. Fil-festa ta' din is-sena, ma kellniex banda u lanqas logħob tan-nar ta' l-art minħabba li l-awtoritajiet tal-pulizija ma tawx il-permessi meħtieġa. Wara d-dħul tal-purċissjoni, sar il-ħruġ tal-vara ta' Marija Annunzjata min-niċċa. Għal aktar dettalji dwar il-festa titulari, ara paġna 4 ta' din il-ħarġa tal-gazzetta.

Nhar it-Tlieta, 3 tax-xahar, fil-quddiesa ta' fil-għaxija saret il-vestizzjoni ta' l-abbatini l-ġodda tal-Parroċċa. Qaddes Dun Alwiġ Deguara, Direttur Nazzjonali ta' l-Abbatini.

IL-KNISJA PARROKKJALI (36)

SAN MIKIEL

MA NISTGĦUX INĦALLU L-ARTAL TA' SAN MIKIEL ARKANĠLU MINGĦAJR MA NGĦIDU XI ĦAĠA DWAR IL-KORP SANT TAL-MARTRI SAN VALENTINU. DAN QIEGĦED F'URNA TA' L-INJAM KOLLHA SKULTURA U NDURATA TAĦT IL-KWADRU TA' SAN MIKIEL. BĦAL MA KWAŻI F'KULL PARROĊĊA TA' MALTA U GĦAWDEX ISSIB KORP SANT, HEKK UKOLL IL-PARROĊĊA TA' ĦAL BALZAN GĦANDHA L-ĠISEM QADDIS TA' SAN VALENTINU MARTRI.

SILTIET MILL-ISTORJA TA' ĦAL BALZAN
Tiftix u kitba ta'
DUN ĠWANN DIMECH

Dawn l-iġsma ta' qaddisin li nsibu fil-parroċċi huma ta' nies twajba u qaddisa li għexu u rċevew il-martirju fl-ewwel tliet mitt sena tal-knisja f'Ruma. F'dawk iż-żminijiet, l-insara sofrew bosta persekuzzjonijiet taħt il-ħakma ta' l-Imperaturi Rumani. Wara l-martirju kienu jiġu midfunin fil-katakombi u fiċ-ċimiterji ta' Ruma.

Wara xi żmien, il-Papiet bdew jagħtu dawn l-iġsma qaddisa lill-knejjes biex tkun tista' tingħatalhom il-qima xierqa li tistħoqqilhom bħala martri ta' Kristu. Però, peress li l-isem proprju ta' dawn il-qaddisin ma kienx dejjem jibqa' magħruf, bħalma baqgħu magħrufin l-ismijiet ta' San Tarċisju, ta' Sant'Anjeze u ta' Santa Ċeċilja, lil dawn il-Papa kien jagħtihom isem ibbażat fuq xi virtù, u għal din ir-raġuni lil dawn il-qaddisin insejħulhom ukoll "santi battezzati".

X'nafu dwar il-Korp Sant ta' San Valentinu

San Valentinu hu wieħed mill-qaddisin li semmejna aktar 'il fuq. Kien il-ħabrieki Kanoniku Kapitulari Monsinjur Lorenzo Grech Delicata li tħabat biex jikseb il-Korp Sant ta' San Valentinu miċ-Ċimiteru ta' Santa Liena, magħruf "ad duas lauras" ta' Ruma. Dan ġara fis-sena 1784. Aktar tard, jiġifieri sittax-il sena wara, kif tixhed l-awtentika msieħba mal-Korp Sant, Mons. Lorenzo Grech Delicata, li kien joqgħod Ħal Balzan, (1) irregala dan il-qaddis lill-Knisja Parrokkjali tagħna, nhar is-26 ta' Jannar, 1820. (2)

Però dan ma kienx isir li kieku Dun Salv Sammut ma tax issehem tiegħu wkoll. Kien dan il-qassis li ħa ħsieb biex ilibbes il-ġisem qaddis bl-ilbies tal-lama tad-deheb u l-fidda kif narawh imlibbes illum. Mill-ktieb tal-kontijiet ta' l-amministrazzjoni ta' Dun Salv (1814-1854) nafu li l-ispiża laħqet il-200 skud għaddrapp li minnhom 120 skud intefqu għad-deheb. (3)

Fl-1837 ġie mogħti d-digriet minn Ruma ta' Indulġenza Plenarja li tintrebaħ skond il-kundizzjonijiet tas-soltu fil-festa ta' San Valentinu. (4)

Il-Qima mogħtija lil San Valentinu

Fl-atti tan-Nutar Luigi Falzon, insibu li nhar il-15 ta' Ottubru 1832, Rosa Sammut ħalliet obbligu biex isiru l-għasar, quddiesa kantata bid-daqq ta' l-orgni u paneġierku ta' San Valetinu (5)

Fit-testment ta' Salvu Muscat, li għamel għand in-Nutar Sciortino nhar is-7 t'Awissu 1848, insibu li obbliga lil ħutu Ġużeppi u Feliċ biex ta' kull sena jagħtu 7 skudi u 6 tari mill-frott tar-raba' li hemm f'Birkirkara ħdejn il-mitħna tar-riħ magħrufa b'ta "Maħlat" u b'ta' "ġnien fliexken". (6)

Il-Labtijiet ta' San Valentinu

Bħala parti mid-devozzjoni lejn San Valentinu, fis-sena 1861 bdew isiru labtijiet li fuqhom kellhom stampata x-xbiha ta' San Valentinu (7).

Fil-ktieb tal-kontijiet tal-Prokuratur ta' San Valentinu ta' l-1866, insibu aktar dettalji dwar il-labtijiet. Hekk sirna nafu li f'dik is-sena ħadimhom u stampahom Anġlu Borg, waqt li fis-sena 1874 kien inkarigat biex jaħdimhom Vincenzo Debono (8).

Ġbir għall-Festa ta' San Valentinu

Fl-1835, Ġużeppi Debono u Pawlu Azzopardi kienu l-Prokuraturi ta' San Valentinu. Dawn igħidulna li l-ġbir għall-festa tiegħu kien isir hekk:

1. Kull l-ewwel Ħadd tax-xahar kienet issir ġabra ġewwa l-knisja u oħra mar-raħal.
2. Kienu jitqassmu l-flieles għand il-familji biex dawn irabbuhom u meta jkibru jinbiegħu u l-flus imorru fil-kaxxa ta' San Valentinu.
3. Il-Ħadd ta' qabel il-festa kienet issir ġabra speċjali.
4. Kien jiġi mqassam albural li fih il-benefatturi speċjali kienu jniżżlu isimhom flimkien mas-somma ta' flus li kienu qed joffru għall-festa ta' San Valentinu, kemm ta' ġewwa kif ukoll ta' barra l-knisja. (9)

Progress fil-Festa ta' San Valentinu

Naraw li mal-medda tas-snin il-festa ta' San Valentinu kull ma tmur bdiet tikber, b'mod speċjali meta San Valentinu ġie magħżul bħala t-tieni Patrun tal-Parroċċa wara Sidtna Marija Annunzjata.

Fl-1835, il-festa kienet tikkonsisti f'għasar, quddiesa kantata, u paneġierku.

Fl-1846, ħdax-il sena wara, il-prokuraturi ħallsu għall-għasar, għall-quddiesa kantata, għall-paneġierku, għal żewġ kantati, għax-xama', għall-isparar tal-maskli.

Fl-1857, jiġifieri ħdax-il sena oħra wara, barra mill-għasar, mill-quddiesa kantata, u mill-paneġierku, insibu li beda jitkanta l-matutin, beda jintrama d-damask, beda jitqassam ix-xama' lill-benefatturi, bdiet issir il-mixegħla, bdew jiġu mistiedna qassisin minn barra l-parroċċa, bdiet issir il-mużika li għaliha l-prokuraturi ħallsu 30 skud. Beda jingħata wkoll pranzu lill-kantanti barranin u kafè wara l-matutin. (11)

Fl-1861, il-festa ta' San Valentinu saret nhar it-8 ta' Ġunju. Il-Prokuratur Giovanni Ebejer, barra milli ħallas għal dak kollu li kien beda jsir għall-festa, ħallas ukoll: 9 skudi għall-mixegħla, 10 skudi għal-labtijiet, 5 skudi għax-xorb ta' likuri għall-bandisti; 2 skudi għall-bandalori. Minn dan il-kont sirna nafu li bdiet tieħu sehem il-banda, għaliex Ġanni DeMajo tħallas 45 skud għall-banda. Minn din il-festa beda jsir ukoll il-logħob tan-nar, għaliex il-prokuratur Ebejer ħallas lil Ġanni Mifsud minn Birkirkara 20 skud bħala prezz tal-logħob tan-nar. Il-prokuratur ħallas 22 skud u 2 tari lil Ġużepp Zammit ta' barmil żejt għall-mixegħla. (12)

Fl-1864, il-festa saret nhar l-4 ta' Ġunju. Il-prokuratur kien l-istess Ġanni Ebejer. Ta' min josserva ċerti dettalji ġodda f'dan il-kont. Il-banda kienet tikkonsisti fi 18-il bandist li tħallsu 36 skud. Ġie mogħti

• għal paġna 3

COMBINED INDUSTRIES LIMITED
JOSEPH LICARI — TOBACCO DIVISION
Telephone: 24301
ARS VITREA — GLASS AND MIRRORS DIVISION
Telephone: 40323
UTILITY WOODWORKS — FURNITURE AND JOINERY DIVISION
Telephone: 42027
ALUMINIUM LIMITED
Telephone: 42027
100, ST. ANTHONY STREET, LIJA, MALTA
Cable Address: Jolica, Malta.

SAN MIKIEL

• minn paġna 2

nbid lill-bandisti. Inkrew 1600 tazza tal-ħġieġ ikkulurit għall-mixegħla. Tqassmu l-labtijiet li qamu 9 skudi. Il-logħob tan-nar qam 18-il skud. L-għasar li sar bil-mużika qam 25 skud u ħallsu għalih Pietru Muscat, Anġlu Borg u Anġlu Cilia. Inkrew minn Ħal Lija 14-il piramida tal-ħadid għall-mixegħla u ħallas Dun Alwiġ Bonnici. Marija Borg ħallset għall-mixegħla tal-faċċata u taz-zuntier tal-knisja. (13)

Fl-1866, il-festa saret nhar l-10 ta' Ġunju. Il-prokuraturi kienu Anġlu Cilia u Pietru Muscat. Għal din il-festa ddubbaw 750 tazza kkulurita b'xejn. 960 tazza oħra kkulurita inkrew minn għand Marju Borg u inkrew 400 tazza bajda minn Ħal Lija. Grezzju Ciangura tħallas 30 skud għall-mużika ta' barra ta' lejlet il-festa. Salvu Pisani ħa 15-il skud għal-logħob tan-nar. Il-banda qamet 31 skud u 3 tari. Anġlu Borg tħallas 2 skudi għall-mużika tal-għasar. Inkrew 20 bandiera (14).

Il-mixegħla, il-logħob tan-nar u d-daqq tal-banda kienu jsiru lejlet il-festa. Fl-1874, meta l-prokuratur kien għadu Anġlu Cilia, insibu li l-mużika tal-festa ta' San Valentinu kienet taħt it-tmexxija tas-Surmast Paolo Nani. Kien mistieden għall-festa Dun Gejt Falzon li ġie mogħti pranzu u ċena fil-lukanda f'Ħal Balzan ta' Ġużeppi Brincat. Dak in-nhar kienu diġà jeżistu l-pastizzi, għaliex il-prokuratur xtara l-pastizzi minn għand Ġużeppi Brincat biex taħom lil-organista Pawlu Bonnici. Dak in-nhar mal-kantanti ħadu sehem żewġ qassisin: Dun Kurċifiss Pisani u t-tenur Dun Orazju Galea.

Fl-1879, jiġifieri mitt sena ilu, il-festa ta' San Valentinu saret nhar it-30 ta' Ġunju. Sar l-għasar ta' lejlet il-festa, il-mixegħla, il-banda u l-logħob tan-nar. Nhar il-festa bdiet bil-kant tal-matutin li għalih kienu mistiedna qassisin barranin. Saret il-quddiesa kantata. Il-mużika kienet taħt it-tmexxija tas-Surmast Paolo Nani. Il-paneġierku għamlu r-Rev. Dun Andrea Dingli D.D. li kien twieled Ħal Balzan fl-1840. Sar l-għasar u wara ħarġet il-purċissjoni li fiha ħadu sehem ukoll erba' kappisti minn barra l-parroċċa. Insibu li din id-darba mal-kafè ngħataw ukoll il-biskuttelli. (15)

Fl-1890 fil-festa ta' San Valentinu jissemma li l-banda li ħadet sehem kienet il-Banda "Alleanza" ta' Birkirkara. Jissemma wkoll li għal dak in-nhar saret fjakkolata. (16)

Fl-1894, il-prokuratur, Karlu Dingli, qassam bħala xorb: 25 flixkun ġinġer, li qamu żewġ xelini u sold; u flixkun Brandy u ieħor Rum li t-tnejn qamu żewġ xelini u tliet soldi. (17).

Fl-1895 insibu li l-logħob tan-nar inħadem mid-dilettanti Balzanin. Insibu wkoll li l-mużika ħa ħsiebha Luigi Vella.

Fl-1896, il-mużika tal-festa kienet taħt it-tmexxija ta' Antonio Nani. F'din is-sena wkoll insibu li Lonzu Pullicino ġieb banda oħra barranija minn barra dik tas-soltu u din għamlet żewġ servizzi. (18).

Naħseb li b'dawn in-noti nistgħu naraw kif il-festa ta' San Valentinu kibret kif ukoll żdiedet sena wara l-oħra.

L-isem ta' San Valentinu mogħti lill-ulied ta' din il-Parroċċa

Issa jmiss naraw ftit dwar meta u lil min ġie mogħti għall-ewwel darba l-isem ta' Valentinu lit-trabi li twieldu f'Ħal Balzan. Biex naqtgħu l-kurżità ta' min irid jaf ta' min kienet it-tarbija li lilha ngħata l-isem ta' San Valentinu għall-ewwel darba, kien lit-tarbija ta' Mikiel u Marija DeCoelis. Din ġiet imgħammda nhar id-19 ta' Frar 1828, u ġew mogħtija l-ismijiet ta' Valentinu, Saver, Salvu u Lonzu. Il-parrinijiet kienu Kalċidon Grech, bin Rużar minn Ħal Lija, u Roża Muscat, bint Saver minn din il-parroċċa. (19).


Dan ma jfissirx li l-isem ta' Valentinu jew Valentina ma kienx diġà mogħti qabel din li semmejna bħala t-tieni, it-tielet jew ir-raba' isem. Tant hu hekk li fir-reġistru tal-magħmudijiet insibu li fil-magħmudija li saret fit-12 t'Awissu 1825, lit-tarbija li twieldet minn Mikiel u Marija Bonello, barra mill-isem ta' Kostantina, Vinċenza u Annunzjata ingħata bħala r-raba' isem dak ta' Valentina. L-istess ngħidu li f'disa' magħmudijiet oħra li saru qabel dik fuq imsemmija tad-19 ta' Frar 1828 insibu trabi mogħtijin l-isem ta' San Valentinu bħala isem ieħor barra dak tal-fonti.

Bejn is-snin 1828 u 1890, insibu li l-aktar għadd ta' trabi li ġew imsemmija għal San Valentinu kien fis-sena 1876, li minn wieħed u tletin tarbija 6 ġew mogħtija l-isem ta' dan il-qaddis bħala l-ewwel isem u tnejn oħra bħala t-tieni isem. (20)

Referenzi:

1. *Ħal Balzan* (artiklu ta' *Balzani* Nru. 3).
2. Ferris A. Storia delle chiese de Malta p. 509 cap 148.
3. Lib. 24: Arkivju Parrokkjali.
4. Lib. 35: Arkivju Parrokkjali.
5. Ibid. cit.
6. Iib. 38. p. 224. Ark. Par.
7. Lib. 38A.
8. Lib. 38C.
9. Lib. 35.
10. Ibid. cit.
11. Lib. 38.
12. Lib. 38A.
13. Lib. 38B.
14. Lib. 38C.
15. Ibid. Cit. p. 101.
16. Ibid. Cit. p. 160.
17. Ibid. Cit. p. 164.
18. Ibid Cit. p. 167.
19. Liber Bapt. (1774-1835) III p. 247 Nru. 246.
20. Ibid. Cit. et Liber IV et V.

R.I.P. DUN ĠWANN GALEA



Meta ġa konna qed naħsbu għall-pubblikazzjoni ta' din il-ħarġa tal-gazzetta, smajna bl-aħbar tal-mewt ta' Dun Ġwann Galea, li kien ilu xi xhur irtirat. Dun Ġwann miet nhar il-Ħadd, 26 t'Awwissu, u l-funeral solenni tiegħu sar l-għada, it-Tnejn, 27 mix-xahar, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan u wara għaċ-ċimiterju tal-Parroċċa. Dun Ġwann ftit għandu bżonn ta' eloġiji; il-Balzanin kollha jafu bil-kwalitajiet sbieħ ta' dan is-soċerdot żelanti li, għalkemm ma kienx mill-Parroċċa, għamel minn Ħal Balzan it-tieni dar tiegħu u ħadem għall-ġid spiritwali ta' wlied dan ir-raħal fejn kien ġie joqgħod ftit wara l-gwerra. Inħeġġu lill-qarrejja sabiex jiftakru fih fit-talb tagħhom, u aħna, f'isem il-membri kollha tal-Bord Editorjali nagħtu għomor twil lil ħutu u lil qrabatu. Apprezzament fit-tul dwar il-ħajja u l-ħidma ta' Dun Ġwann Galea jidher fil-ħarġa li jmiss.

ROKNA GĦAT-TFAL

Tfal għeżież,

Bħal ma ġa għidtilkom fil-ħarġiet ta' qabel f'din l-istess gazzetta, f'din is-sena l-kelmtejn żgħar li niktbilkom nixtieq li b'xi mod jew ieħor ikollhom x'jaqsmu mas-Sena Internazzjonali tat-Tfal.

Kontu tassew tfal ixxurtjati li qed tgħixu f'din is-sena 1979 li fiha d-dinja kollha ħasset il-bżonn li tiddedika sena sħiħa biex fiha l-bnedmin kollha jagħrfu d-drittijiet tagħkom bħala bnedmin u wkoll bħala poplu t'Alla.

Iżda jidhirli li t-tfal mhux biss għandhom drittijiet, bħal, per eżempju, li jkollhom għajxien xieraq, dar komda, skejjel kbar u għalliema kapaċi, u tant oħrajn, iżda għandhom ukoll dmirijiet lejn dawk li jaħsbu fil-ġid tagħhom u b'mod speċjali billi jirringrazzjawhom minn qalbhom talli qed ilestulhom ġejjieni aħjar fil-ħajja.

Tfal, intom ma tistgħux tifhmu kemm nies kbar fid-dinja għall-ġid tagħkom qed joħorġu flejjes kbar minn buthom, kemm sigħat sħaħ igħadduhom f'xogħol diffiċli biex jarawkom aktar ferħanin u b'saħħitkom. Kemm nies oħrajn iseffqu wiċċhom u jittallbu l-flus lin-nazzjonijiet sinjuri biex dawn joħorġu miż-żejjed tagħhom u jgħinu lil dawk inqas ixxurtjati minnkom.

Għalhekk hu dmir tagħkom li nies bħal dawn, għalkemm ma tafuhomx, tirringrazzjawhom minn qalbkom. Dan ir-ringrazzjament tistgħu turuh billi intom stess tużaw tajjeb dak li huma stess qed jagħmlu għalikom u t-tieni billi titolbu 'l Alla għalihom biex ikomplu jagħmlu l-ġid mat-tfal li dejjem kienu u jibqgħu l-iktar ħaġa għażiża għall-bnedmin u fuq kollox għal Alla.

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Għall-kompetizzjoni ta' din il-ħarġa, ħsibna li nerġgħu nagħmlulkom anagramma oħra. Għal dawk li forsi nsew x'inhi anagramma, se nerġgħu nfakkruhom id-definizzjoni tagħha. Anagramma tfisser kelma li minnha stess tista' ssir kelma oħra, jew aħjar fi kliem ieħor tqalleb l-ittri ta' din il-kelma u bihom tifforma kelma oħra. Eżempju minn *tapit* tagħmel *APTIT* u *PATTI*.

Mela kull ma għandkom tagħmlu hu li toħorġu żewġ kelmiet minn kull waħda minn dawn il-kelmiet: *talab, salib, aktar, ħafer.*

Bħas-soltu, ibagħtu l-kompetizzjoni tagħkom f'envelop magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda San Gabriel, jew impustawh intom stess fil-letter-box ta' l-istess każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt, 20 t'Ottubru, 1979.

Ir-rebbieħa ta' l-aħħar kompetizzjoni hi Mary Grace Vella, li toqgħod 18, Triq il-Barriera, Ħal Balzan.

Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulha.

MATUL IS-SNIN (6)

L-ELEZZJONI TA' L-1849

Bejn l-1814 u l-1835, it-tmexxija ta' Malta kienet f'idejn il-Gvernatur. Fl-1835 il-Gvern Ingliż tana Kostituzzjoni li permezz tagħha twaqqaf Kunsill tal-Gvern li fih kien hemm biss membri nominati. Fl-1847, inħatar bħala Gvernatur ta' Malta l-Kattoliku Irlandiż Sir Richard More O'Ferrall, u sentejn wara, fuq suġġeriment tiegħu, il-Gvern Ingliż tana Kostituzzjoni ġdida li kienet aħjar minn dik ta' l-1835. Skond din il-Kostituzzjoni, kellu jkun hemm Kunsill tal-Gvern bi 18-il membru, 10 nominati u 8 eletti. Id-dritt tal-vot ngħata biss lill-irġiel ta' 'l fuq minn 21 sena li kellhom ċerti kwalifiki.(1) F'Malta kollha, in-numru ta' rġiel li kellhom id-dritt tal-vot kien ta' 3,486.(2) Minnhom 18 kienu residenti f'Ħal Balzan. Il-votanti Balzanin kienu: Paolo Azzopardi, Dun Pietru Pawl Borg, il-Kappillan Dun Franġisk Caruana, Dun Giov. Maria Falzon, Dun Anġlu Fenech, Dun Anton Frendo, Dun Franġisk Frendo, Pietru Pawl Frendo, Dun Ġużepp Muscat, Dun Gejt Mifsud, Giovanni Muscat, Giuseppe Muscat, Gius, Pulis, Giovenna Pulis, Dun Salv. Sammut, Dun Salv Stivala, Emmanuele Vella, u Vincenzo Zammit.(3) L-elezzjoni saret bejn l-10 u l-14 t'Awwissu.(4)

(1) H. Lee "Malta 1813-1914", (Malta 1973), p.33, 111, 113, 115, 116.
(2) A.V. Laferla "British Malta" Vol. 1, (Malta 1946), p.207.
(3) Malta Govt. Gazette, 31-VII-1849, pp.97-98.
(4) H. Lee, opcit., p.117.

Winston L. Zammit B.A. (Hons.), M.A.

VITAFOAM

ISEM TA' GARANZIJA
PRODOTTI —
SAQQIJIET
IMĦADED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OĦRA TAL-FOAM

VITAFOAM LIMITED

INDUSTRIAL ESTATE, SAN ĠWANN (B'KARA)
Telephone: 36275/76

IL-FESTA 1979

Il-gazzetta "Ħal Balzan" ħaditha drawwa li tikkummenta xi ħaġa dwar il-festa titulari li tiġi ċċelebrata kull sena. Dan isir mhux biss biex niżnu u ngħarblu dak li sar u li seta' jsir, iżda, kif għidna kemm-il darba, biex inħallu lil ta' warajna x'ġara f'Ħal Balzan fis-sena li tkun. Din is-sena nistgħu ngħidu li l-festa ġiet iċċelebrata l-istess bħas snin ta' qabel, minbarra ħaġa waħda. Is-sena 1979 kellha tagħti bidu għad-drawwa sabiħa li tindaqq l-Ave Maria ta' Gounod, hekk kif l-istatwa ta' l-Annunzjata feġġet fil-bieb prinċipali tal-knisja.

Għal ħafna din kienet sorpriża, l-aktar meta waqfu l-qniepen, u l-kaxxa nfernali ma nstemgħetx. Għal ftit minuti xi nies riedu jafu x'ġara, iżda malajr indunaw meta l-Banda "King's Own" bdiet iddoqq l-Ave Marija b'solennità kbira. Il-folla kbira li kien hemm waqfet fis-skiet ħalli tisma' biss, biex tisplodi f'ċapċip hekk kif is-surmast niżżel il-bakketta tiegħu. Minuta wara bdiet tinħaraq il-kaxxa nfernali u l-qniepen reġgħu bdew idoqqu.

Jikteb
GUIDO BORG

Il-kummenti tan-nies kienu favorevoli ħafna. L-idea ta' Kalċ Micallef, il-Viċi-President tal-Każin San Gabriel u wieħed mill-inkarigati biex jiġbru għall-Banda "King's Own" ġiet imħaddna sewwa mill-Kappillan maħbub u ħabrieki tagħna. Ħafna qalu li kienet tkun isbaħ li kieku kien hemm tenur ikanta mal-Banda. Nisperaw li s-sena d-dieħla jsir hekk.

Il-ħruġ tal-vara min-niċċa din is-sena sar fl-1 ta' Lulju għall-ħabta tat-8.30 p.m. Bħas-soltu kien hemm grupp mhux ħażin ta' nies biex jew jarawha titqiegħed fuq il-bankun jew inkella jerfgħu xi ftit fiha sakemm titqiegħed f'postha.

It-tridijiet ġew iċċelebrati bħas-soltu, l-Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa: 4, 5, u 6 ta' Lulju. L-ewwel żewġ tridijiet ikunu kemxejn mejta peress li l-ebda attività ma tiġi ċelebrata fihom għajr il-funzjoni tal-Knisja.

Huwa x'aktarx fit-tielet tridu li l-Balzanin jidħlu fl-ispirtu tal-festa, kemm għall-funzjonijiet li jsiru fil-knisja kif ukoll għall-attivitajiet li jiġu organizzati mill-każini. Fit-tielet u l-aħħar tridu l-knisja timtela sewwa, l-aktar biex in-nies jisimgħu l-mużika ta' Paolo u Antonio Nani li din is-sena kienet, għal matul il-festa kollha, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Joseph Gatt. L-istess bħas-snin ta' qabel, iż-żewġ marċijiet li jiġu organizzati mill-Każin tal-Banda San Gabriel u mill-Każin Marija Annunzjata kienu tajbin. Din is-sena ħadu sehem il-Banda "San Gabriel" ta' Ħal Balzan u l-Banda "12th May" ta' Ħaż-Żebbuġ.

Il-logħob tan-nar ta' l-art, maħdum mill-ħabrieki Abraham Muscat (Bramu), kien tajjeb ukoll u n-numru ta' nies li kienu preżenti kien inkoraġġanti.

Is-Sibt, 7 ta' Lulju, lejlet il-festa kienet ġurnata mimlija attività meta wieħed iqis ukoll l-attivitajiet li jsiru fil-knisja. Fis-7.30 a.m. ħarġet il-quddiesa bil-mużika bil-Malti. Wara smajna t-Te Deum u l-Antifona. Fid-9.15 a.m. saret l-attività mibdija żmien ilu mill-Kappillan Sciberras, jiġifieri l-quddiesa għall-morda.



Deħra tal-pjazza u l-knisja armati għall-festa. Ritratt tal-fotografu Carmel Attard, meħud mill-Każin Marija Annunzjata.

Fis-6.30 p.m. ħarġet it-translazzjoni, immexxija mir-Rev. Mons. Ġużeppi Minuti, li kien kappillan ta' Ħal Balzan qabel il-kappillan preżenti. In-numru ta' murtali maħruqa dak il-ħin, maħduma mid-dilettanti tal-Każin tal-Banda "San Gabriel", kien tajjeb ferm. Wara l-marċ qasir li għamlet, il-Banda "San Gabriel" esegwiet programm sabiħ ħafna taħt it-tmexxija tas-Surmast Clemente Sciberras, A.Mus. L.C.M. (Lond.) li kien fih xogħlijiet ta' Antonio Nani, G. Donizetti, u G. Rossini. Wara ġie esegwit l-Innu lil Marija Annunzjata.

Fit-8.00 p.m. il-Banda "La Vittoria" tal-Mellieħa għamlet marċ mat-toroq tan-naħa t'isfel ta' Ħal Balzan fuq stedina tal-Każin "Marija Annunzjata".

Fl-9.45 p.m. bdew jinħarqu l-murtali tal-kulur maħdumin mid-dilettanti tan-nar taħt it-tmexxija ta' Valentino Azzopardi. Il-kwantità ta' murtali u ta' kwalità tajba li jaħdmu dawn id-dilettanti jiskantawk u n-numru ta' nies li jkunu fuq iz-zuntier biex jarawhom juruhom apprezzament għax-xogħol li jagħmlu. L-istess l-irdieden, maħdumin minn Pawlu Muscat, kienu ta' ideat oriġinali u kemm ġew apprezzati mill-folla tremenda jixhdu ċ-ċapċip li sar. Però, kien ikollna ċapċip iktar li kienu n-nar ma ġiex armat fi Triq Annunzjata. In-numru ta' nies li jiġi minn irħula oħra biex jarawh, flimkien ma' xi elf turist ieħor, mhux ikollhom wisa' fejn joqogħdu u wieħed jinnota li din is-sena r-rassa kienet fl-aqwa tagħha. In-nar ta' l-art hemm bżonn li jibda jsir fil-pjazza, 'l isfel mill-Kampnar tal-Knisja biex il-folla jkollha aktar spazju fejn toqgħod u b'hekk in-nar ta' l-art jitgawda aktar.

Il-Ħadd, 8 ta' Lulju, kien jum il-festa u minbarra l-funzjoni tal-knisja fl-10.00 a.m. ġie organizzat bħas-soltu l-marċ ta' fil-għodu mill-Każin "Marija Annunzjata" li fih ħadet sehem il-Banda "12th May". Fis-6.30 p.m., il-Banda "King's Own" bdiet is-solitu marċ tagħha minn ħdejn il-għassa tal-pulizija u niżlet 'l isfel minn Triq il-Kbira biex tesegwixxi l-Ave Marija fuq iz-zuntier waqt il-ħruġ tal-vara. Dak il-ħin il-banda "Santa Katerina" taż-Żurrieq kienet qiegħda tagħmel il-marċ tagħha n-naħa t'isfel ta' Ħal Balzan.

Il-purċissjoni bl-istatwa ta' Marija Annunzjata ħarġet għall-ħabta tas-7.30 p.m. u damet bħas-soltu sal-10.30 p.m., xħin daħlet akkumpanjata bil-banda u bil-murtali.

Wara l-purċissjoni sar il-marċ brijuż organizzat mid-dilettanti tal-Każin tal-Banda "San Gabriel" kif ukoll in-nhar ta' l-art maħdum minn John Azzopardi għall-Każin Marija Annunzjata.

Ta' min jerġa' jsemmi, l-istess bħalma għamilna s-sena l-oħra, li n-numru ta' turisti li jżuru Ħal Balzan fil-ġranet tal-festa huwa kbir ħafna. Dun Ġwann Dimech, il-kittieb ta' l-istorja ta' Ħal Balzan, ħareġ "guide book" li ġie mqassam lit-turisti fil-knisja u li fih dettalji dwar dak kollu li fiha l-parroċċa tagħna.

Prosit lil kulħadd.

L-EWWEL MAGĦMUDIJIET

S'issa fis-sensiela "Profili Balzanin" ktibna dwar nies li qegħdin igħixu magħna u li nafuhom. Ta' min, però, jibda jqalleb l-Arkivji biex isir jaf nies oħra, nies li għal xi raġuni jew oħra rabtu isimhom ma' l-istorja ta' Ħal Balzan.

F'din il-ħarġa se nagħtukom l-ismijiet ta' dawk li twieldu fl-istess sena li fiha Ħal Balzan sar parroċċa, jiġifieri fl-1655. Dawn b'kollox kienu erbgħa u kollha kienu mgħammdin mill-Kappillan Dun Adriano Zarb.

L-ewwel isem li ġie rreġistrat fil-ktieb tal-magħmudijiet kien Leonardu, bin Filippu u Grazzja Muscat, li kienu minn Ħal Balzan. Huwa ġie mgħammed fis-6 ta' Novembru u kellu bħala parrinu lill-Balzani Agostino Sammut.

It-tieni tarbija kienet tifla bl-isem ta' Tereża, bint il-Balzanin Bertu u Katarina Mamo. Hija ġiet mgħammda fil-11 ta' Novembru u kellha bħala parrina lil Adriana li kient ukoll mill-parroċċa tagħna.

Fil-25 ta' Novembru 1655, il-Kappillan Zarb għammed lit-tielet tarbija, tifla wkoll, bl-isem ta' Grazzja, bint il-Balzanin Ambrosju u Adreana Hellul. Il-parrina kienet Marija Bezina, ukoll minn Ħal Balzan.

Ir-raba' tarbija kienet Natalizja Bartolo. Din ġiet mgħammda fil-25 ta' Diċembru, u kienet bint Duminku u Grazzja, minn Ħal Balzan. Għall-ewwel darba, però, insibu li l-parrina, Domenica Bartolo, ma kinitx minn Ħal Balzan iżda minn Ħ'Attard.

Guido Borg.

MILL-UFFICCJU PARROKKJALI

Membri ġodda tal-Komunità Parrokkjali

Rachel Micallef, bint Gaetan u Carmen.
William Camenzuli, bin Charles u Rita.
Steve Schembri, bin Felix u Tessa.
James Xuereb, bin Paul u Catherine.
Rosemarie Farrugia, bint John u Mary Rose.
Steven Sargent, bin Alfred u Pauline.
Vincent Sciberras, bin Emmanuel u Carmen.
Simon-George Abela, bin George u Magdalen Flores Martin.
Joseph Busuttil, bin Joseph u Dorothy.
Matthew Xuereb, bin Walter u Kathleen Vella Zarb.
Francis Muscat, bin Michael u Carmen.
Karen Galea, bint Spiridione u Josephine.
Ivan-Pierre Mifsud, bin Joseph u Doris.
Francesca Borg, bint Paul u Fiorella.
Denise Gatt, bint Stephen u Georgette.
Elizabeth Galea, bint Alexander u Catherine.
Rita Mifsud, bint Alfred u Rose.
Veron Mizzi, bint Emmanuel u Josephine.
Maria Lucia, bint Alfredo u Anna.
Ingrid Muscat, bint Charles u Anna.
Roberta Suda, bint John u Nathalie.
Joseph Camilleri, bin John u Augusta.
Daniela Borg, bint Charles u Rose.
Mark Gruppetta, bin Noel u Carmen.
George Muscat, bin Lawrence u Joyce.

Irċevew is-Sagrament taż-Żwieġ

Charles Baldacchino u Christine Tabone.
Frank Vella Bardon u Josanne Tagliaferro.
Mario Borg u Silvana Attard.
Mariano Camilleri u Grace Deguara.
Paul Mallia u Carmen Muscat.
Charles Borg u Pauline Zammit.
Emmanuel Xuereb u Antonia Sammut.
Stephen Paul Bissell u Tina Fenech.

Membri Ġodda tal-Komunità tas-Sema

Maria Anna Galea.
Antonio Gatt.
Giga Cachia.
M. Carmela Baldacchino.
Carmela Borg.
John Pace.
Ġużeppi Sammut.
David Fenech.
Rosaria Grech.
M. Carmela Manfre'.